# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-2 ta' Frar 2001**

**Citazzjoni numru 1274/98 GC**

**Dr. Victor Sultana u martu Lydia Sultana**

**vs**

**1. Carmelo sive Charles Richard Gafa' u martu Giuseppa sive Josephine Gafa';**
**2. Mariella Camilleri mart Oliver, bint 'il fuq imsemmi Carmelo sive Charles Richard Gafa' u l-istess Oliver ghal kull interess li jista' jkollu; u**
**3. Carmel sive Charles Paul Gafa' bin 'il fuq imsemmi Carmel sive Charles Richard Gafa' u martu Rosaria Gafa' ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi l-atturi jiddetjenu u huma proprjetarji tal-plot 11 f'Misrah Kola, limiti ta' H'Attard, u llum ghandha l-indirizz ta' "Soldanis Ville", Triq in-Nebbieta, Attard;

Illi l-konvenuti konjugi Camilleri u konjugi Gafa' ulied Carmel sive Charles Richard Gafa' rispettivament jiddetjenu u huma proprjetarji tal-fondi "Goccie di Luna" u "Villa Delle Rose" fi Triq is-Sienja, Attard;

Illi dawn il-fondi huma mibnija fuq plot 9, liema plot tmiss ma' dik ta' l-atturi u liema plot kienet giet akkwistata mill-awturi taghhom u cioe' l-konvenut Carmel sive Charles Richard Gafa' permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis tal-21 ta' Lulju 1980 (ara dokument V3);

Illi fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fondi fuq imsemmija mill-konvenut Carmel sive Charles Richard Gafa', dan ta' l-ahhar uzurpa u nvada strixxa art li tifforma parti mill-plot 11 fuq imsemmija proprjeta' ta' l-atturi ta' cirka tlett metri wisgha u sittax-il metru tul;

Illi di fatti l-istess atturi kienu istitwew kawza ta' spoll kontra l-awtur tal-konvenuti ahwa Gafa' u cioe kontra l-konvenut Carmel sive Charles Richard Gafa' u liema kawza giet recentement deciza fis-26 ta' Mejju 1998 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa'" - Citazzjoni numru 901/82;

Illi ghalhekk il-konvenuti konjugi Camilleri u konjugi Gafa' ulied Carmel sive Charles Richard Gafa' qeghdin jokkupaw din l-istrixxa art imsemmija li hija proprjeta' ta' l-atturi;

Illi l-konvenuti kollha konsapevoli ta' dan kollu, anke jekk mitluba jizgumbraw minn din l-art baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti, jew min minnhom, ighidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. li l-konvenut Carmel sive Charles Richard Gafa', fiz-zwieg mal-konvenuta l-ohra Giuseppa sive Josephine Gafa', kien invada u uzurpa strixxa art ta' cirka tlett metri wisgha u sittax-il metru tul, li tifforma parti mill-plot numru 11 fuq imsemmija proprjeta ta' l-atturi;

2. tiddikjara li allura llum, il-konvenuti konjugi Camilleri u konjugi Gafa' ulied 'il fuq imsemmi Carmel sive Charles Richard u Giuseppa sive Josephine konjugi Gafa', qeghdin jokkupaw din l-istrixxa art proprjeta' ta' l-atturi, u dan minghajr m'ghandhom ebda dritt kwalunkwe ghaliha;

3. tordna u tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom jizgumbraw fi zmien qasir u perentorju, okkorrendo taht is-sorveljanza ta' periti nominandi, mill-imsemmija strixxa art;

4. fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jaghmlu dak kollu li huwa necessarju ghall-fini tat-talba precedenti biex isir dak ordnat lill-konvenuti u dan bi spejjez ta' l-istess konvenuti;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mariella Camilleri mart Oliver u l-istess Oliver ghal kull interess li jista' jkollu u Carmel sive Charles Paul Gafa u martu Rosaria Gafa ghal kull interess li jista' jkollha fejn gie eccepit :-

1. Illi huma ma usurpawx jew invadew il-proprjeta tal-atturi peress li huma akkwistaw il-fond "Gocce di Luna" u "Villa Delle Rose" kostruwiti u lesti minn kollox ghall-okkupazzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-azzjoni attrici hija azzjoni possessorja peress li hija bbazata fuq allegazzjoni illi l-eccipjenti qeghdin jokkupaw art li ma hijiex taghhom - liema azzjoni gia giet intentata mill-istess atturi u deciza kontra taghhom bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Carmelo Gafa";

3. Illi dik is-sentenza tifforma "res judicata" u ghalhekk it-talbiet odjerni ghandhom jigu michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Oliver u Mariella mizzewgin Camilleri u ta' Carmel u Rosaria mizzewgin Gafa' debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;
.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo sive Charles Richard u Giuseppa sive Josephine mizzewgin Gafa fejn gie eccepit :-

Illi l-eccipjenti la huma proprjetarji u lanqas pussessuri tal-proprjetajiet "Goccie di Luna" u "Villa Delle Rose", fi Triq is-Sienja, Attard konfinanti mal-proprjeta tal-atturi u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront taghhom ghandhom jigu michuda;

Illi minghajr pregudizzju ghal-ewwel eccezjoni l-azzjoni odjerna hija in realta azzjoni possessorja li ma tistax tregi fil-konfront tal-eccipjenti peress li kif inghad huma ma jippossjedux il-fondi li minnhom l-atturi qeghdin jitolbu l-izgumbrament;

Illi minghajr pregudizzju tal-ewwel zewg eccezjonijiet din l-azzjoni ma tistax tregi peress li hija idnetika mal-azzjoni gia maghmula mill-istess atturi kontra l-eccipjenti liema vertenza giet deciza kontra l-atturi bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa" (Citaz. nru. 901/82) deciza fis-26 ta' Mejju 1998 u li llum tifforma "res judicata";

Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-eccipjenti meta bnew, huma bnew fuq art li kienet proprjeta taghhom u jekk fl-esekuzjoni ta' din il-kostruzzjoni okkupaw xi parti zghira mill-proprjeta kontigwa dan sar in "bona fede" kif skond l-Art. 571 tal-Kodici Civili;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Carmelo sive Charles Richard u Giuseppa sive Josephine mizzewgin Gafa' debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 1999 minn fejn jirrizulta li l-atturi ddikjaraw li l-azzjoni minnhom attentata hija reivendikatorja;

Rat id-digriet ta' din il-qorti tal-20 ta' Mejju 1999 li bih giet allegata s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa" (Citazzjoni numru 901/92);

Rat l-imsemmija sentenza tas-26 ta' Mejju 1998;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tar-"res judicata";

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkonsidrat:

L-atturi ppremettew li huma "jiddetjenu u huma proprjetarji" ta' plot f'Misrah Kola, Attard, fejn illum hemm mibni l-fond "Soldanis Ville", Triq in-Nebbieta, Attard. Il-konvenuti konjugi Camilleri u konjugi Gafa' (Carmel sive Charles Paul Gafa' u martu) "jiddetjenu u huma proprjetarji" ta' zewg fondi mgharufa bhala "Goccie di Luna" u "Villa Delle Rose" fi Triq is-Sienja, Attard, liema fondi huma mibnija fuq plot li tmiss ma dik imsemmija tal-atturi. Din l-ahhar plot kienet giet akkwistata mill-konvenuti l-ohra konjugi Gafa' (Charles Richard Gafa' u martu) fil-1980. L-atturi jallegaw li l-konvenut Carmel sive Charles Richard Gafa' "uzurpa u nvada" parti mill-plot tal-atturi u cioe cirka tlett metri wisgha u sittax-il metru tul. Ghalhekk l-atturi fil-presenti kawza qed jallegaw li l-konvenuti konjugi Camilleri u konjugi Gafa' (Charles Paul Gafa' u martu) qed jokkupaw din l-istrixxa art li in effett hi proprjeta' ta' l-atturi. L-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenuti konjugi Gafa' (Charles Richard) kien invada u uzurpa l-imsemmija strixxa art, li tifforma parti mill-plot ta' l-atturi; li jigi dikjarat li illum il-konvenuti l-ohra konjugi Camilleri u konjugi Gafa' (Charles Paul) qed jokkupaw din l-istess strixxa minghajr m'ghandhom ebda dritt u li jigi ordnat l-izgumbrament tal-konvenuti mill-imsemmija strixxa art;

Il-konvenuti konjugi Camilleri u konjugi Gafa' (Charles Paul) eccipew fost affarijiet ohra illi l-azzjoni attrici hija azzjoni possessorja peress li hija bbazata fuq allegazzjoni illi l-eccipjenti qeghdin jokkupaw art li ma hijiex taghhom, liema azzjoni gia giet intentata mill-istess atturi u deciza kontra taghhom bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Carmelo Gafa" u din is-sentenza tifforma "res judicata". Similarment il-konvenuti l-ohra konjugi Gafa' (Charles Richard) eccipew li din l-azzjoni ma tistax tregi peress li hija idnetika mal-azzjoni gia maghmula mill-istess atturi kontra l-eccipjenti liema vertenza giet deciza kontra l-atturi bl-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell liema sentenza illum tifforma "res judicata";

Bil-presenti qed tigi deciza din l-eccezzjoni tar-"res judicata" kif sollevata mill-konvenuti;

In effett anke l-atturi fic-citazzjoni jghamlu referenza ghal kawza ta' spoll li huma ghamlu kontra l-konvenut Carmel sive Charles Richard Gafa', fl-ismijiet "Dr Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa'" (Citazzjoni numru 901/820) deciza fis-26 ta' Mejju 1998 mill-Qorti ta' l-Appell;

Permezz ta' din is-sentenza l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ewwel lok irrespingiet l-appell (tal-atturi f'din il-kawza) u fit-tieni lok ikkonfermat is-sentenza appellata tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta Jannar 1995. F'din l-ahhar sentenza l-imsemmija qorti ddecidiet il-kawza ta' spoll intentata mill-atturi odjerni kontra il-konvenut Charles Richard Gafa' billi ddikjarat li l-azzjoni kienet perenta bid-dekors tal-periodu statutorju ta' xahrejn u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici;

Il-kawza deciza bl-imsemmija sentenza tas-26 ta' Mejju 1998 kienet azzjoni ta' spoll privileggjat u ghalhekk azzjoni possessoria. Il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni odjerna jindikaw li din il-kawza hi wahda petitorja, kif indikaw ukoll l-atturi fil-verbal tas-seduta tat-3 ta' Marzu 1999. Dak li gie gudikat bejn l-atturi u l-konvenut Charles Richard Gafa' hi l-azzjoni possessorja u hi azzjoni ta' din in-natura li ma tistax terga tigi intentata. Ma hemm xejn li jista izomm lill-atturi li jipprocedu f'azzjoni petitorja, kif del resto jirrizulta li qed jghamlu b'dawn il-proceduri;

Hu rilevanti li jigi nutat li l-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmija sentenza tal-31 ta Jannar 1995 qalet - "*Dan naturalment bla pregudizzju ghad-drittijiet tal-attur li jipprocedi kontra l-konvenut fil-petitorju biex jirreklama dak li jirrivendika bhala proprjeta' tieghu u bhala li gie abuzivament lilu asportat mill-konvenut.*";

In vista ta dan kollu l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti dwar ir-"res judicata" ma tistax tregi u ghalhekk ghandha tigi respinta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi dwar l-eccezzjoni tar-res judicata kif sollevata mill-konvenuti kollha billi tichad l-istess eccezzjoni u tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.